



Brussell, 17 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10781/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0137(NLE)**

**TRANS 281
RELEX 767**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 10686/24 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim li jemenda l-Ftehim tad-29 ta' Ġunju 2022 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq – Adozzjoni

KUNTEST U KONTENUT TAL-PROPOSTA

1. Fit-3 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim li jemenda l-Ftehim tad-29 ta' Ġunju 2022 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq.
2. Il-Ftehim inizzjali ġie ffirmat biex jiffaċilita t-trasport bit-triq bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea u minnhom, bl-għoti ta' drittijiet addizzjonali ta' tranżitu u ta' trasport tal-prodotti bejn l-Ukrajna u l-UE wara l-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-tfixkil sinifikanti li ġgħib magħha għall-modi kollha tat-trasport fl-Ukrajna.
3. F'dawn l-aħħar xhur għadd ta' Stati Membri qajmu tħassib dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-impatt possibbli tiegħu fil-livell lokali fuq is-settur tat-trasport bit-triq. Għalhekk, il-Kummissjoni talbet mandat biex tinnegozja bidliet fil-Ftehim, b'mod partikolari biex tiffaċilita l-infurzar u ssaħħa l-implimentazzjoni tiegħu. Dan il-mandat ingħata permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (id-dokument 8321/24).

EŻAMI FIL-LIVELL TA' GRUPP TA' ĦIDMA

4. Fis-7 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art l-eżitu tan-negozjati flimkien mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill u fl-anness l-abbozz ta' emendi għall-Ftehim. Id-delegazzjonijiet qablu li l-abbozz ta' emendi huwa konformi mal-mandat ta' negozjar.

KONKLUŻJONI

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument 10782/24 u l-emendi għall-Ftehim fid-dokument 10783/24, biex jippermetti l-iffirmar u l-applikazzjoni preliminari tal-ftehim emendatorju.
6. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
